PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Dokument ta' sessjoni*

4.10.2006 B6-0522/2006

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

biex tagħlaq id-dibattitu fuql-istqarrija tal-Kummissjoni

skond l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura, minn

– Klaus-Heiner Lehne, Giuseppe Gargani u Nicole Fontaine, f'isem il-Grupp PPE-DE
– Maria Berger u Michel Rocard, f'isem il-Grupp PSE
– Sharon Bowles u Toine Manders,f'isem il-Grupp ALDE

dwar politika ta' privattiv fil-futur fl-Ewropa

**B6-0522/2006**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar politika ta' privattiv fil-futur fl-Ewropa**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni ta' l-24 ta' Ġunju 1997 dwar il-privattiv tal-Komunità u s-sistema tal-privattiv fl-Ewropa - Ippromowtjar ta' l-Innovazzjoni permezz tal-Privattivi (COM(1997) 314),

– wara li kkunsidra d-Direttiva 98/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 1998 dwar il-protezzjoni legali ta' l-invenzjonijiet bijoteknoloġiċi,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-privattivi għal invenzjonijiet bijoteknoloġiċi,

– wara li kkunsidra l-konsultazzjoni mwaqqfa mill-Kummissjoni fid-9 ta' Jannar 2006 dwar politika tal-privattiv fil-futur fl-Ewropa,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi n-nuqqasijiet tal-proposti ta' Privattiv tal-Komunità hemm il-possibilità li ma jkunux solvuti fil-futur qrib,

B. billi sistema ta' privattiv effiċjenti, kompetittiva u effiċjenti f'sens ta' spiża aċċessibbli għal kulħadd hija rekwiżit prinċipali ta' l-Istrateġija ta' Liżbona lejn soċjetà kompetittiva bbażata fuq it-tagħrif u hija kruċjali għat-tkabbir ta' kumpaniji żgħar u ta' daqs medju kif ukoll għal dawk kbar,

1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tesplora l-mezzi kollha possibbli biex ittejjeb il-privattiv u s-sistemi ta' tilwim għall-privattivi fl-UE, inkluża l-parteċipazzjoni f'aktar diskussjonijiet dwar il-Ftehima ta' Tilwim għall-Privattiv Ewropea (EPLA) u biex tissieħeb fil-Konvenzjoni ta' Munich kif ukoll biex tirrevedi l-proposti tal-Privattiv tal-Komunità; fir-rigward ta' l-EPLA, iqis li t-test propost jeħtieġ titjib sinifikattiv kif ukoll proposta sodisfaċenti għar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti ta' l-EPLA;

2. Jitlob biex is-Servizz Legali tal-Parlament jintalab biex jipprovdi opinjoni interim dwar aspetti relatati ma' l-UE tal-konklużjoni possibbli ta' l-EPLA mill-Istati Membri fir-rigward ta' punti simili bejn l-EPLA u l-acquis communautaire u biex jiċċara l-kompetenzi leġiżlattivi f'dan il-qasam;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Gvernijiet u l-Parlamenti ta' l-Istati Membri.